MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 61/2007

GO plc

vs

Gozotique Limited

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-1 ta' Dicembru 2007, li jaqra hekk :-

'Illi s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' GO plc is-somma ta' seba' mija u tmien liri Maltin u dsatax –il centezmi (Lm708.19) ekwivalenti ghal elf sitt mija u disgha u erbghin Ewro u erbgha u sittin Ewro centezmi (€1,649.64) dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku ta' Point-to-Point Line (a/c 10001829) skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma' l-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali ;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u dawk tal-ittra ufficjali numru 819/2007 datata 6 ta' Novembru 2007, bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.' ;

Is-socjeta' konvenuta permezz tar-risposta taghha pprezentata fit-8 ta' Frar 2008, eccepiet :-

'1. Id-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ;

2. Illi l-ammont reklamat mhuwiex dovut, stante illi s-socjeta' attrici qabbdet u gholliet it-tariffi tal-Point-to-Point Line unilateralment minghajr il-kunsens tas-socjeta' konvenuta, u minghajr ma nfurmat lill-eccipjenti, haga li ma kelliex dritt taghmel, tant li kif l-eccipjenti rceviet il-kont bit-tariffi l-godda waqqfet l-abbonament tas-servizz immedjatament ;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri ;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tan-nota responsiva ghall-ittra ufficcjali numru 819/2007 ;

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Ra wkoll l-atti tal-kawza fl-ismijiet : Maltacom plc vs John Portelli (Avviz numru 14/2007) li kienet miexja kontestwalment ma' din il-kawza, u l-provi f'wahda kienu jghoddu ghall-provi fl-ohra, u vice versa ;

Sama' s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kawza oralment ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob minghand is-socjeta' konvenuta l-hlas tas-somma ta' €1,649.64 tas-servizz tal-*Leased Lines* li ghalih kienet ghadha abbonata s-socjeta' konvenuta ghall-perjodu mill-1 ta' Dicembru 2004 sal-1 ta' Dicembru 2005 ;

Jirrizulta mill-atti li t-tariffi ghal dan is-servizz tat-telekomunikazzjoni kienu gew riveduti b'effett mill-1 ta' Dicembru 2004, billi l-kumpannija kienet ghollietthom sostanzjalment. B'dawn it-tariffi l-godda kien gie avzat il-pubbliku in generali billi kienu gew pubblikati avvizi fil-gurnali skond il-ligi, sar ukoll avviz fuq is-sit elettroniku tal-kumpannija, u kienu gew avzati l-abbonati kollha permezz ta' ittra postali ;

Gara li ghal diversi xhur il-kontijiet, jew ahjar uhud mill-kontijiet tal-abbonati kienu baqghu johorgu xorta wahda bit-tariffi l-antiki, fosthom kien hemm tas-socjeta' konvenuta, sakemm il-kumpannija attrici ndunat b'dan l-izball u aggustat il-kontijiet taghhom f'Ottubru 2005, liema zball kien dovut minhabba malfunzjonament fil-programm tal-*billing software* tal-kumpannija attrici ;

Il-kumpannija konvenuta tippretendi li m'ghandhiex taghmel tajjeb ghal din id-differenza taz-zieda fil-kont ghall-perjodu bejn 1 ta' Dicembru 2004, sa meta ndunat b'din iz-zieda u talbet li s-servizz jigi mnehhi f'Novembru 2005 ;

Jirrizulta mill-ftehim li kien gie ffirmat mill-partijiet ghall-istallazzjoni u kiri ta' dan is-servizz li dan kien sar u gie accettat bil-kundizzjoni '*subject to the tariffs and conditions laid down in the Telephone Services Regulations (1972) as amended and may, from time to time be further amended*'. L-Ordinanza dwar it-Telegrafi u t-Telefonijiet kienet giet sussegwentement issostitwita bl-Att Numru XVI ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta, u mbaghad gie ntrodott l-Att Numru XXXIII ta' l-1997 li jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettronici (Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta). It-tariffi l-godda kienu saru bis-sahha ta' regolamenti taht il-Kap.399. Il-kwistjoni li wasslet ghal din il-vertenza kienet wahda li giet ippreveduta fil-kuntratt li

sar bejn il-partijiet, u dan it-Tribunal huwa moralment konvint mill-provi in atti li l-kumpannija attrici kienet avzat b'mod generali lill-abbonati taghha bil-mod kif titlob il-ligi bl-introduzzjoni fir-revizjoni tat-tariffi l-godda taghha ghal dan is-servizz partikolari, u l-fatt li ghal xi zmien il-kumpannija konvenuta baqghet tircievi l-kontijiet ta' dan is-servizz bit-tariffi l-antiki ma jezonerahiex mill-obbligu taghha li sakemm baqghet taghmel uzu minn dan is-servizz hija trid thallas bit-tariffi li kienu ufficjalment applikabbli sa dak iz-zmien. Huwa ta' mportanza massima fil-ligi dwar relazzjonijiet bejn persuni u l-partijiet kontraenti "*li l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*". (Appell Civili, **Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines'**, 5 ta' Ottubru, 1998; Prim'Awla, **General Cleaners Company Limited vs Accountant General**, 29 ta' Novembru 2001). Gie deciz ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002 inghad li : *'Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda'* ;

Jekk il-kumpannija konvenuta kenitx irceviet l-avviz bl-introduzzjoni tat-tariffi l-godda, din kienet ukoll ir-responsabbilita' taghha li tassigura li l-indirizz postali taghha li kien ipprovdut minnha lill-kumpannija attrici kien korrett u li l-korrispondenza kollha kienet qed taslilha hemm hekk bhalma jidher li kien il-kaz billi l-kontijiet is-socjeta' konvenuta kienet baqghet tircevihom fl-indirizz li hi stess kienet tat lill-kumpannija attrici. Fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet hemm ukoll kundizzjoni li : '*Any notice required to be given under the Telephone Service Regulations shall be considered to have been duly given if sent to the given main postal address. It is within the interest of the subscribers to immediately infrom the corporation of any change of address and tenancy*'. Huwa

principipju iehor stabbilit li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in *bona fede* u li jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha tali obbligazzjoni. [Appell Civili, **Joseph Francis Depares nomine vs John O'Dea nomine**, 25 ta' Gunju 1996) ;

Inoltre s-socjeta' konvenuta ma kkontestatx il-kont *per se*, izda biss iz-zieda fit-tariffi li bih inhadem il-kont ghall-perjodu msemmi, liema zieda m'hemm xejn sanzjonabbli fil-mod kif giet introdotta ;

Illi fid-dawl tal-premess allura jsegwi li l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ma ghandhom l-ebda fundament legali u allura ghandhom jigu michuda ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi previa r-rigett tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u disgha u erbghin Euro u erbgha u sittin centezmi (€1,649.64), li jkopri l-perjodu li fih dam dan is-servizz jigi utilizzat mis-socjeta' konvenuta bejn l-1 ta' Dicembru 2004 sal-1 ta' Dicembru 2005 ;

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-imghax legali fuq l-ammont dovut ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament ;

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------